DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 66/2020

tat-30 ta' April 2020

li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/491]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/819 tal-1 ta' Frar 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-kunflitti ta' interess, il-kejl tal-impatt soċjali u l-informazzjoni mogħtija lill-investituri fil-qasam tal-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/820 tal-4 ta' Frar 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-kunflitti ta' interess fil-qasam tal-fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 31bda (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 593/2014):

"31bdb. **32019 R 0820**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/820 tal-4 ta' Frar 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-kunflitti ta' interess fil-qasam tal-fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju (ĠU L 134, 22.5.2019, p. 8)."

2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 31bea (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 594/2014):

"31beb. **32019 R 0819**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/819 tal-1 ta' Frar 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-kunflitti ta' interess, il-kejl tal-impatt soċjali u l-informazzjoni mogħtija lill-investituri fil-qasam tal-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (ĠU L 134, 22.5.2019, p. 1)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti Delegati (UE) 2019/819 u (UE) 2019/820 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 64/2018 tat-23 ta' Marzu 2018 ([3]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

([1]) ĠU L 134, 22.5.2019, p. 1.
([2]) ĠU L 134, 22.5.2019, p. 8.
(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([3]) ĠU L 26, 30.1.2020, p. 60.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2020.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Clara GANSLANDT